5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru (Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali), permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **s-**1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Settembru, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Office of the Prime Minister (European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue), through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 20th September, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, 280, Livell nru 2, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (https://eufunds.gov.mt) u (recruitment.opm-ees@gov.mt).

Is-6 ta' Settembru, 2024

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from Corporate Services Directorate, 280, Level 2, Triq ir-Repubblika, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (https://eufunds.gov.mt) and (recruitment.opm-ees@gov.mt).

6th September, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi fl-Iskola Ewropea Lussemburgu

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-Reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem biex jgħallem prinċipalment il-Malti bħala l-ewwel lingwa u l-Ingliż bħala t-tieni lingwa lil studenti fl-Iskola Ewropea fil-Lussemburgu, mill-bidu tas-sena skolastika 2024/25.

1.2 Dan l-ingaġġ ser ikun fuq bażi ta' sekondment skont ir-'Regulations for Members of the Seconded Staff of the

MINISTRY OF EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Teacher in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation to serve in the European School Luxembourg

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L.327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the post of Teacher to primarily teach Maltese as a first language and English as a second language in the European School in Luxembourg, as from the beginning of scholastic year 2024/25.

1.2 This engagement will be on a secondment basis as per 'Regulations for Members of the Seconded Staff of the

European School' Ref: 2011-04-D-14-en-21, li jista' jiġi aċċessat minn (https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-21.pdf)

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju għall-post ta' għalliem huwa marbut mal-iskala sustantiva tal-kandidat li jintgħażel, jekk ikun uffiċjal pubbliku jew inkella mal-Iskala ta' Salarju pertinenti li jibda minn Skala ta' Salarju 8 li fl-2024 huwa, ta' €27,179.02 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €30,100.00, jekk il-kandidat magħżul ma jkunx uffiċjal pubbliku.

2.2 Is-salarju bażiku tal-kandidat magħżul ikun supplimentat b'pakkett ta' rimunerazzjoni, li jinkludu household allowance, spouse's income allowance (jekk applikabbli), dependent child allowances, education allowances, expatriation allowance, daily subsistence allowance, installation allowance, u resettlement allowance. Dan il-pakkett jinkludi wkoll rimborż tan-nefqa tal-ispejjeż tal-vjaġġ u l-ispejjeż tal-ġarr. Id-dettalji tal-allowances u r-rimborż tan-nefqa tal-ispejjeż jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Iskejjel Ewropej (https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-21.pdf) (dokument uffiċjali jista' jiġi aġġornat). Aktar dettalji fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fosthom il-btajjel, il-leave, eċċ., jistgħu jinkisbu mis-sorsi msemmija f'dan il-paragrafu.

2.3 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena għal persuni li jintgħażlu u mhumiex uffiċjali pubbliċi, hija full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fl-MEYR u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.4 Il-persuna magħżula tidħol f'ħidma ta' sentejn (2) sabiex isservi bħala Għalliem/a fl-imsemmija skola, liema perjodu jista jiġġedded għal perjodu ta' tliet (3) snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ieħor ta' erba' (4) snin. Il-ħidma tkun bi prova għal perjodu ta' sentejn (2). Il-perjodu totali ta' sekondar ta' membru tat-tagħlim ma jistax ikun aktar minn disa' (9) snin, ħlief minkejja dispożizzjonijiet nazzjonali, f'każ speċjali, debitament speċifikat, fuq talba tad-Direttur jew fuq talba tal-awtorità li tissekonda estensjoni, sa perjodu massimu ta' tliet (3) snin oħra jistgħu jingħataw. Is-sekondar jista' jiġi tterminat fi kwalunkwe żmien għal raġuni valida mid-deċiżjoni tal-bord konġuntiv tal-Ispetturi tal-iskejjel Ewropej skont l-arranġamenti tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.

2.5 Il-pakkett imsemmi f'paragrafu 2.2 huwa strettament marbut mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Għalliem/a fl-Iskola Ewropea, liema pakkett ma jibqax jitħallas hekk kif il-ħidma tal-persuna magħżula tispiċċa jew tiġi tterminata.

European School' Ref: 2011-04-D-14-en-21, which can be accessed from (https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-21.pdf).

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Teacher is pegged to the selected candidate's substantive grade, if a public officer or the pertinent Salary Scale starting from Salary Scale 8, which in 2024, is €27,179.02 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €30,100.00, if the selected candidate is not a public officer.

2.2 The selected candidate's basic salary will be supplemented by a remuneration package, which includes a household allowance, a spouse's income allowance (if applicable), dependent child allowances, education allowances, expatriation allowance, daily subsistence allowance, installation allowance, and a resettlement allowance. This package also includes, reimbursement of expenditure in the form of travel and removal expenses. Details of the allowances and reimbursement of expenditure can be obtained from the European Schools website (https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-21.pdf) (official document may be updated). Other conditions of work, including school holidays, leave, etc., are also available from the sources mentioned in this paragraph.

2.3 The appointment, which is subject to a probationary period of one year for selected applicants who are not public officers, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time in the Malta Public Service in general and MEYR in particular, and involves liability to deployment according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.4 A selected candidate will be given a two (2) year assignment, to serve as a Teacher at the said school, which can be renewed for a further three (3) year period and maybe renewable for a further four (4) year period. The assignment will be subject to a two (2) year probationary period. The total period of secondment of a member of the teaching may not be more than nine (9) years, except notwithstanding national provisions, in special, duly specified case, on request of the Director or on request of the seconding authority, an extension up to a maximum period of another three (3) years may be granted. The secondment may be terminated at any time for a valid reason by the decision of the joint board of inspectors of European Schools in accordance with the arrangements laid down in the Implementing Regulations.

2.5 The remuneration package indicated in paragraph 2.2 is strictly tied to the duties to be performed in any European School, and as such it will cease to be paid when the assignment of the selected officers ends or is terminated.

2.6 Jekk il-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi tiġi appuntata fil-grad sustantiv ta' Għalliem/a fi ħdan MEYR u fl-istess waqt li tkun qiegħda isservi perjodu ta' prova ta' sentejn (2) (ara paragrafu 2.4) hija tkun meħtieġa li sservi perjodu ta' prova ta' sena (1) fl-imsemmi grad sustantiv. Jekk ma tiġix ikkonfermata fl-imsemmi Grad sustantiv, l-impjieg tagħha mall-MEYR kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm. Iżda, jekk tiġi kkonfermata fil-Grad sustantiv iżda l-ħidma tagħha tispiċċa jew tiġi tterminata, hija terġa' tassumi d-dmirijiet ta' Għalliem/a f'kulleġġ tal-Istat, skont l-esiġenzi lokali tal-MEYR u tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.7 Il-persuna magħżula tkun eliġibbli biex tapplika għal postijiet/pożizzjonijiet u tibqa' żżomm id-drittijiet ta' progressjoni kif stipulat fil-ftehim kollettiv għall-gradi tal-għalliema. Is-servizz mogħti fl-Iskola Ewropea, jiġi kkunsidrat bħala esperjenza ta' tagħlim u, b'konsegwenza ta' hekk, il-persuna magħżula tibqa' żżomm id-drittijiet kollha tal-grad sustantiv tagħha.

2.8 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.9 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

2.6 If a selected candidate is not a serving public officer in the Maltese Public Service, s/he shall be appointed in the substantive grade of Teacher within MEYR and concurrently with the above-mentioned two-(2)-year probationary period on the assignment (see paragraph 2.4) he/she will also be required to complete a probationary period of one (1) year in the said substantive grade. If not confirmed in the said substantive Grade his/her employment with MEYR as well as with the Maltese Government will be discontinued. However, if confirmed in the said substantive Grade but his/her assignment ends or is terminated, he/she will resume teaching duties in a State college, according to the local exigencies of MEYR and the Malta Public Service.

2.7 A selected candidate will be eligible to apply for posts/positions and will retain progression rights as stipulated in the collective agreement for teaching grades. Service performing duties at the European School, will be considered as teaching experience and consequently the selected candidate will retain all rights of his/her substantive grade.

2.8 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.9 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Għalliem jinkludu li:

Hija r-responsabbiltà tal-Għalliem li jieħu ħsieb li jipprovdi esperjenzi xierqa ta' tagħlim rilevanti, stimulanti, u li jinvolvi l-istudent, għall-istudenti kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, billi jrawwem b'mod sostenibbli fl-individwu kif ukoll fil-kollettiv, il-benessere fit-tkabbir spiritwali, f'dak emozzjonali, fil-fehim u fl-iżvilupp fiżiku. Il-persuna maħtura bħala għalliem hija mistennija li tikkollabora ma' edukaturi li jkunu qed jappoġġaw dan l-isforz fil-klassi jew barra mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Management Team tal-iskola, anke billi tinvolvi ruħha fl-iżvilupp tal-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż fi ħdan is-School Development Plan. Biex dan iseħħ, il-persuna magħżula bħala għalliem għandha:

i. Iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi fl-edukazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward taċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inkluż iżda mhux limitat għall-kurrikulu, il-pedagoġija, l-assessjar, ir-recording, u r-rappurtar ta' tagħlim, il-kontenut u l-iżvilupp differenti ta' min jitgħallem;

ii. Toħloq kundizzjonijjiet tajbin biex tiffaċilita l-iżvilupp olistiku ta' min qed jitgħallem skont il-linji gwida pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali nominati;

iii. Tippjana, toħloq u tevalwa esperjenzi ta' tagħlim stimulanti, pjaċevoli u pożittivi, inkluż fil-preparazzjoni ta' lezzjonijiet u kif tagħti l-lezzjonijiet, fl-iżvilupp u amministrazzjoni ta' modalitajiet varji ta' assessjar għal u ta' tagħlim, kif ukoll tagħti feedback ukoll permezz ta' reġistrazzjoni u rappurtar tat-tagħlim;

iv. Tindirizza d-diversità billi toħloq opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr ma formalment jew informalment joħolqu ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi;

v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi transkurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu/tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u jitnaqqsu l-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

Duties

3. The job duties for the post of Teacher include:

It is the responsibility of a teacher to take charge of providing appropriate relevant, stimulating and engaging learning experiences for all students under his/her responsibility, nurturing wellbeing through sustainable individual as well as collective spiritual, emotional, cognitive and physical growth. The teacher is expected to collaborate with other educators, who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. In pursuing this, the Teacher is to:

i. Keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recording and reporting of learning, content and diverse learner development;

ii. Create optimal conditions which facilitate a learner's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create, and evaluate stimulating, enjoyable and positive learning experiences, including through lesson preparation and delivery, development and administration of varied modalities of assessment for and of learning, as well as give feedback also through recording and reporting of learning;

iv. Address diversity by creating opportunities for all learners to reach their potential without either formally or informally erecting barriers or lowering expectations;

v. Contribute towards the incremental attainment of the expected outcomes at subject, learning area, and cross-curricular theme level by all students entrusted under his/her care raising the bar of achievement for every individual and narrowing the attainment gaps that may exist in the process facilitating the fulfilment of each learner's potential

vi. Teach and educate students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

vii. Teach and educate students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Head of School or Head of Section;

viii. Jaġixxu u jgħallmu u jedukaw lill-istudenti skont il-principji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Etika u l-Prattika tal-Għalliema;

ix. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dan il-post tista' tinkiseb minn (http://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew il-Kap tal-Iskola.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)' jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

viii. Conduct themselves and teach and educate students in accordance with principles set out in the Teachers' Code of Ethics and Practice;

ix. undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

A detailed job description of the post can be obtained from (http://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and s/he shall act in all respects according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education Directorates, Head of College Network and/or Head of School.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mil Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti biż-żewġ lingwi, il-Malti u l-Ingliż; U

iii. (a) ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 240 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, li jinkludu 16-il krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 8 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u kwalunkwe suġġett ieħor;

(b) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (a) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż u kwalifika rikonuxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti, li jinklud 12-il krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 6 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti fl-esperjenza skola*) fil-Malti;

(c) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (b) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat rikonuxxuta f' Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 240 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, li jinkludu 16-il krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti f'Tagħlim Prattiku (TP) u 8 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u kwalifika rikonoxxuta (Ċertifikat) fil-Livell 4 tal-MQF fit-tagħlim tal-Ingliż tat-TEFL (Teaching English as Foreign Language);

(d) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (c) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. be proficient in both the Maltese and English languages; AND

iii. (a) be in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 240 ECTS/ECVET, credits or equivalent, which includes 16 ECTS/ECVET, credits or equivalent in Teaching Practice (TP) and 8 ECTS/ECVET, credits or equivalent in school experience*) in Education with a specialisation in Maltese and any other subject;

(b) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (a), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) with a specialisation in English and Maltese and a recognised pedagogical qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET, credits or equivalent, which includes 12 ECTS/ECVET, credits or equivalent in Teaching Practice (TP) and 6 ECTS/ECVET, credits or equivalent in school experience*) in Maltese;

(c) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (b), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 240 ECTS/ECVET, credits or equivalent, which includes 16 ECTS/ECVET, credits or equivalent in Teaching Practice (TP) and 8 ECTS/ECVET, credits or equivalent in school experience*) in Education with a specialisation in Maltese and a recognised qualification (Certificate) at MQF Level 4 in Teaching English as a Foreign Language (TEFL);

(d) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (c), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to

fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat rikonuxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż u kwalifika rikonuxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti, li jinklud 12-il krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 6 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti fl-esperjenza skola*) fl-Ingliż;

(e) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (d) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbiltà tkun estiża wkoll għal applikanti fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat rikonuxxuta f' Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 240 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti, li jinkludu 16-il krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti f Tagħlim Prattiku (TP) u 8 kretti ECTS/ECVET jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Ingliż u kwalifika rikonoxxuta (Ċertifikat) fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 30 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Qari tal-Provi bil-Malti;

iv. Minbarra r-rekwiżiti msemmija f'4.1 (iii) hawn fuq, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikollhom il-Warrant ta' Għalliem (Permanent Warrant) skont is-sezzjoni 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327); u

(b) bħalissa jkun Għalliem; u

(c) ikollhom mhux inqas minn tliet (3) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-aħħar sitt (6) snin bħala għalliem/a regolari fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; u

(d) kienu jgħallmu f'dawn l-aħħar sentejn (2) ta' qabel id-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; u

(e) minbarra fl-Ingliż u l-Malti jkollhom għarfien sod ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea. L-għarfien tal-lingwa tal-post fejn il-persuna se tkun qed tgħallem huwa mixtieq;

v. Kwalunkwe referenza għal tagħlim/kwalifika/kors pedagoġiku msemmija f'din is-sejħa għandha titqies bħala rikonoxxuta mis-CTP skont l-artikolu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni u tista' tiġi aċċessata (Appendiċi A) mis-sit elettroniku (https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 6, 8, 12, 16, 30, 60, 180, 240 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli), hek kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

candidates in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credit or equivalent*) with a specialisation in English and Maltese, and recognised pedagogical qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET, credits or equivalent, which includes 12 ECTS/ECVET, credits or equivalent in Teaching Practice (TP) and 6 ECTS/ECVET, credits or equivalent in school experience*) in English;

(e) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (d), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 240 ECTS/ECVET, credits or equivalent, which includes 16 ECTS/ECVET, credits or equivalent in Teaching Practice (TP) and 8 ECTS/ECVET, credits or equivalent in school experience*) in Education with a specialisation in English and a recognised qualification (certificate) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 30 ECTS/ECVET, credits or equivalent*) in 'Qari ta' Provi bil-Malti';

iv. Besides the requisites stipulated in 4.1 (iii) above, applicants must further satisfy the following, be:

(a) in possession of a Teacher's Warrant (Permanent Warrant) as per section 24 (2) of the Education Act (Cap.327); and

(b) currently a Teacher; and

(c) have not less than three (3) scholastic years teaching experience in the last six (6) years, as a regular teacher in a licensed school offering compulsory education; and

(d) have been teaching in the two (2) years immediately preceding the issue of this call for applications in a licensed school offering compulsory education; and

(e) in addition to English and Maltese, have a thorough knowledge of a second Community language. Knowledge of the language of the place of employment is desirable;

v. Any reference to a teaching/pedagogical qualification/course mentioned in this call is to be deemed as recognised by the CTP in terms of article 24 (2) (d) (iv) of the Education Act and can be accessed (Appendix A) using the website (https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

*A recognised qualification comparable to 6, 8, 12, 16, 30, 60, 180, 240 ECTS/ECVET credits (as applicable), as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjoniji applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-graduate jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom fil-pussess tagħhom livell minimu ta' B2 ta' profiċjenza fl-CEFRL fit-tieni l-lingwa tal-komunità (UE). Tagħrif tal-lingwa tal-post tal-impjieg huwa mixtieq.

6.2 L-applikanti eleġibbli jintalbu jagħmlu test ta' profiċjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż organizzat mill-MEYR. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 560. Iż-żewġ testijiet ta' profiċjenza għandhom f'daqqa, marka massima ta' 400 u persuna trid iġġib 280 biex tgħaddi, waqt li l-intervista għandha marka massima ta' 400 u minimu ta' 200.

6.3 Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' profiċjenza minn bord tal-għażla, li jiddetermina min hu addattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom u preżentazzjoni qasira ta' ħames minuti ta' suġġett flimkien mal-portafoll tagħhom. L-applikanti huma mistennija li jkollhom tagħrif bażiku fuq l-istruttura u l-organnizzazzjonijiet tal-Iskejjel Ewropew. Dawn tista' taċċesshom minn (http://eursc.org/).

6.4 It-testijiet ta' profiċjenza ta' siegħa l-wieħed, se jsiru fi ħdan il-MEYR. Se tintbagħat ittra elettronika bid-data/ħin u l-post lill-applikanti li huma eliġibbli.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). Diploma/Degree/Post-graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Preference will be given to applicants in possession of a proficiency Level minimum B2 of CEFRL in a second Community language (EU). Knowledge of the language of the place of employment is desirable.

6.2 Eligible applicants will be required to sit for a proficiency test in the Maltese and English languages organised by MEYR. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 560. The Proficiency Tests have a maximum mark of 400 and a pass mark of 280, while the interview carries a maximum mark of 400 and a minimum of 200.

